MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Numru. 204/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**

**KONTRA**

**FAWAZ ABD EL MESI TADRIT**
**ta' 36 sena, ta' nazzjonalita' iraqqina, bin Abd Imsieh u Mariam, imwieled fil-Basra, Iraq nhar is-16 ta' Awwissu, 1971, residenti fic-Centru tal-akkomodazzjoni f'Ta' Kandja, detentur tan-numru tal-pulizija tal-Immigrazzjoni 07AC-034, minghajr dokument jew passaport;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzI kontra l-hawn fuq imsemmi Fawaz Abd El Mesi Tadrit li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-11 ta' Marzu, 2008 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ghall-habta ta' 11.15 ta' fil-ghodu

u hinijiet ta’ wara kif ukoll ta’ qabel, ikkommetta harba meta kien taht kustodja minn persuna inkarigat mill-kustodja tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a folio 4 ghall-proceduri sommarji;
Rat ukoll illi l-akkukzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri, kif ukoll illi aktar tard fil-mori tal-kawza rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ghaldaqstant, ikkonfermata tali ammissjoni, issib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikolu 151 tal-Kapitolu 9, tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------